

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2007/2209(INI)

9.10.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar prinċipji komuni ta' flessigurtà
(2007/2209(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni Berlinguer

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Iqis meħtieġ approċċ komprensiv ta' flessigurtà li jimmira li jmantni u jtejjeb l-ugwaljanza soċjali, il-ħarsien ta' l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kwalità tajba ta' l-impjiegi u l-ftehim kollettiv. Huwa ta' l-opinjoni, fi ħdan il-qafas ta' dan l-approċċ globali, li t-Tagħlim matul il-Ħajja huwa element essenzjali għal suq tax-xogħol dinamiku u biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jibqgħu jiġu mħaddma matul il-karrieri tagħhom u matul ħajjithom;
2. Jenfasizza l-ħtieġa, fi ħdan il-qafas ta' approċċ komprensiv lejn il-flessibilità u l-mobilità, sabiex tiġi implimentata t-trasferibilità tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali akkwistati;
3. Ifakkar id-dritt ta' aċċess għat-Tagħlim tul il-Ħajja, u l-għarfien u t-trasferibilità ta' l-edukazzjoni u l-kompetenzi formali, mhux formali u informali, elementi kruċjali li jippermettu li l-individwi jkunu jistgħu jgħaddu minn impjieg għall-ieħor, u mill-qagħad jew l-inattività għall-impjieg, ladarba dawn huma elementi li jtejbju l-possibilitajiet ta' l-impjieg tagħhom;
4. Jenfasizza r-rabta bejn sigurtà dgħajfa ta' l-impjiegi u l-inugwaljanzi, sal-punt li ż-żgħażaġh, dawk li għandhom l-anqas ħiliet, in-nisa, il-ħaddiema immigranti u l-adulti b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi jistgħu jiġu ħafna aktar taħt pressjoni fix-xogħol u, għal dawn il-gruppi, għadhom jeżistu bosta inugwaljanzi rigward l-aċċess għat-Tagħlim tul il-Ħajja;
5. Itenni l-kontribut importanti tal-ħiliet fit-Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni sabiex persuna tingħata impjieg, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex issaħħaħ il-programmi bħat-Tagħlim matul il-Ħajja li jippermettu liċ-ċittadini ta' kull età li jkollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ;
6. Ifakkar li għal Ewropa kompetittiva hemm il-bżonn li l-livelli ta' l-edukazzjoni jogħlew u li jkun hemm aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
7. Itenni l-importanza li tiġi promossa, imsaħħa u stabbilita kultura ta' tagħlim matul il-ħajja, partikolarment għall-adulti, billi jinħolqu opportunitajiet flessibbli għall-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ kif ukoll kondizzjonijiet adatti biex jiġu implimentati;
8. Iqis li l-approċċ għall-flessigurtà għandu jkun koerenti fl-aspetti kollha, inklużi l-aspetti soċjali, edukattivi u kulturali, sabiex, fi ħdan dan il-qafas, kemm id-djalogu soċjali kif ukoll in-negozjati bejn l-imsieħba soċjali jistgħu fil-fatt jilħqu l-għanijiet ippjanati;
9. Jinnota li, għalkemm it-taħriġ tul il-ħajja u l-organizzazzjoni tas-suq ta' l-impjiegi huma naturalment marbuta mill-qrib ma' xulxin, waqt li l-pussess ta' ħiliet li jiġu kostantement imtejba hu l-akbar assi li l-membri l-aktar vulnerabbli tal-ħaddiema jista' jkollhom fil-kuntest ta' approċċ 'progressiv' lejn il-flessigurtà, is-sistema ta' taħriġ matul il-ħajja ħafna

drabi hija użata mill-kumpaniji biex jinvestu f'ħaddiema li huma jqisu b'żonnjużi, waqt li l-oħrajn jiġu injorati, bir-riżultat li l-piż ta' l-iżpiza biex dawn jiġu mħarrġa u biex tissolva l-problema li jergġhu jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol tiġi mitfugħa fuq it-teżor nazzjonali;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jinkludi miżuri edukattivi u ta' taħriġ f'aġenda ta' politika ta' flessigurtà aktar wiesgħa;
11. Iqis li t-tagħlim tul il-ħajja għandu jindirizza spazji ta' opportunità fost il-ħaddiema u li dan għandu jibda fis-sistema edukattiva bikrija; huwa ta' l-opinjoni li l-illitteriżmu u n-nuqqas ta' għarfien ta' matematika bażika għandhom jiġu kkumbattuti, u li l-livell ta' kwalifiki ta' kull min jitlaq mill-iskola hemm b'żonn jitjieb, sa mill-bidu tas-sistema edukattiva bikrija;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	04.10.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Giovanni Berlinguer, Guy Bono, Věra Flasarová, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Ruth Hieronymi, Manolis Mavrommatis, Ljudmila Novak, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Karin Resetarits, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Henri Weber, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elisabeth Morin, Nina Škottová, Ewa Tomaszewska
Sostitut (i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	